**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. DONATELLA M. FRENDO DIMECH LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Kumpilazzjoni Nru. 813/2012**

**Illum, 25 ta' Lulju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**-vs-**

**Keith Micallef detentur tal-Karta tal-Identita' numru 353879M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Keith Micallef li gie akkuzat talli:

Nhar il-15 ta' Mejju 2012, għal ħabta tal-17:35 fi Triq il-Kotituzzjoni l-Mosta –

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfrida Bowerman;
2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Angela Bowerman;
3. Saq vettura tal-għamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-reġistrazzjoni EBB 893 waqt li kien taħt l-influwenza tax-xorb jew tad-droga;
4. Saq vettura tal-għamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-reġistrazzjoni EBB 893 b'mod traskurat;

5. Saq vettura tal-għamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-reġistrazzjoni EBB 893 b'mod perikoluż;
6. Saq vettura tal-għamla Mitsubishi Lancer bin-numru tar-reġistrazzjoni EBB 893 bla kont; u
7. Fl-istess ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, involontarjament għamel ħsara fuq il-vettura Toyota Tercel bin-numru tar-reġistrazzjoni GAQ 354 għad-dannu ta' Godwin Bowerman.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tordna li Keith Micallef jiġi skwalifikat minn kull liċenzja tas-sewqan għal żmien li lilha jidhrilha xieraq.

Il-Qorti ġentilment ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tapplika l-artikolu 41 tal-Kap 65, Ligijiet ta' Malta, bħala kumpens għall-ħsarat.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li waqt l-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2016 mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata l-opportunita' li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat kif ukoll tal-fatt li l-imputat fi zmien l-incident kellhu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 226 u 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 15(1)(a)(2), 15B u 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal perijodu ta' tmien xhur prigunerija, li wara li rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mill-lum.

F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Inoltre' tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Wara li rat dak li xehed il-parte leza Godwin Bowerman din il-Qorti ma tarax li hu opportun li jigi applikat l-Artiklu 41 tal-Ordinanza Dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**